MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 236/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Jake Charles Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jake Charles Attard, detentur tal-karta tal-identita` numru 298308(L)

Akkuzat talli nhar is-7 ta' Frar 2012 ghal habta tal-11:00hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem 'Concept' (Eurosport) sitwat gewwa San Giljan,

1. Bhala haddiem jew impjegat li dahal f'dan l-istabbiliment minhabba s-sengha, professjoni jew impjieg tieghu, ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' valur ta' €1373.65, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li

ma jeccedix €2329.37 kif ukoll bil-persuna ghad-detriment ta’ Michele Peresso u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni tal-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu; u

Rat illi l-guvni ghandu biss 24 sena u hu *a first time offender* kif turi l-fedina penali tal-istess.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 (b)(c)(d), 263, 265, 267, 268(d), 278(1)(2), 279(a), 280(1)(2) u 281 tal-Kapitolu 9 qed issibu lill-imputat Jake Charles Attard hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Probation Officer ghal tlett (3) snin fejn ghandu jitqabbad Probation Officer senjatament sabiex jghinu fil-hajja lavorattiva tieghu.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas lill-kumpanija Michele Peresso Ltd. is-somma ta’ elf tlett mija u tlieta u sebgin Ewro (€1,373) fi zmien ghaxar (10) xhur mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------